MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tat-18 ta' Ottubru, 2010

Numru. 901/2010

**Il-Pulizija
(Spettur Spiridione Zammit)**

**Vs**

**Erica Pace ta' 25 sena, bint Dominic u Helen nee` Galea imwielda Pieta` fit-8 ta' Gunju, 1985, u toqghod BlkS, Flat5, Triq Katerina Vitale, Santa Lucija, detentrici tal-karta tal-identita` numru 302285M**

Il-Qorti;

Rat l-akkuza migjuba fil-konfront tal-imputata Erica Pace li giet akkuzata talli fis-16 ta' Awissu 2010, ghal habta ta' 3.30pm u hinijiet ta' qabel waqt li kienet fi Triq il-Gardenja Santa Lucija u f'diversi inhawi f'dawn il gzejjer:

1. Volontarjament hassret, ghamlet hsara jew gharrqet hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli b'arma irregolari

(b'martell), u cioe` ghamlet hsara fuq vettura tal-ghamla Puegeot numru tar-registrazzjoji GIL083 ghad-dannu ta' Gilbert Camilleri mil-Mosta liema hsara ma tiskorrix 116.69 Euros imma izjed minn 116.47 Euros.

3. Talli fl-istess jum, lok, hin u cikustanzi ghamlet lil Gilbert Camilleri mil-Mosta ingurji jew theddid mhux imsemmijin band' ohra fil-Kodici Kriminali, jew jekk kienet provokata ingurjat b'mod li harget aktar milli messa.

4. Akkuzata wkoll talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzzi, b'xi mod iehor mhux imsemmi band'ohra fil-Kodici Kriminali kisret volontarjament il-buon ordni jew il-kwiet pubbliku.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarj tat-30 ta' Awissu, 2010;

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputata liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputata inghatat zmien xieraq biex tirrikonsidra l-istess;

Semghet trattazzjoni dwar il-pieni;

Ikkunsidrat;

Illi l-Qorti fid-dawl tal-ammissjoni maghmulha mill-imputata il-Qorti ma tistax hlief issibha hatja tal-akkuzi migjuba fil-konfornt taghha.

Illi meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputata, il-fedina penali nadifa taghha u l-fatt illi hija ikkoperat mal-pulizija waqt l-investigazzjonijiet taghhom. Illi l-Qorti ma tistax tinjora r-retroxena li fiha sehh dan l-incident u l-fatt illi l-imputata hija mara fi stat avanzat ta' tqala u ghalhekk piena karcerarja inflitta certament mhix idoneja.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 325(1)(b), 338(dd), 339(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta issib lill-imputata hatja tal-akkuzi migjuba fil-konfront taghha izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b’applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta qed tillibera lill-imputata bil-kundizzjoni li ma tikkommettix reat iehor fi zmien sena mil-lum.

Il-Qorti twissi lill-hatja bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk hija tikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta’ liberta taht kundizzjon.

Finalment b’applikazzjoni tal-artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta l-Qorti qed tordna lill-imputata thallas lil Gilbert Camilleri is-somma ta’ tmin mija u tlettax il-euro u tnejn u erbghin centezmu (€813.42) u dan fi zmien sena mil-lum. Inoltre wara li rat l-artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta l-Qorti qed torbot lill-hatja b’garanzija personali ta’ hames mitt euro (€500) li izzom il-kwiet ma l-istess Gilbert Camilleri u li izzom il-bon ordni pubblika ma kullhadd.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------